# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2020**

**Numru 6**

**Rikors numru 386/19**

**Tucan Investments Limited (C 33150)**

**v.**

**Mariolot Limited (C 33086), Mario Camilleri,**
**Mary Josephine Camilleri u Lattimer Limited (C 62094)**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fid-29 ta' Novembru, 2019 ir-rikorrenti Mariolot Limited et talbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru: ~~97/2015~~[1] fl-ismijiet **Tucan Investments Limited v. Mariolot Limited et**. Talba li saret *ai termini* tal-Artikolu 836(1)(c), u/jew (e), u/jew (f). B'dan li l-flus depożitati biċ-ċedoli li jissemmew fl-istess rikors, m'għandhomx

[1] Għandu jaqra: 1008/2019 – Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-27 ta' Lulju 2020

jintmessu sakemm tibqa' pendenti l-kawża fl-ismijiet **Tucan Investments Limited v. Mario Camilleri et** (541/2014).

2. L-intimata Tucan Investments Limited wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn it-talba għandha tkun miċħuda.

3. **Il-fatti** rilevanti huma s-segwenti:

i. B'digriet mogħti fit-28 ta' Ġunju, 2018 il-Prim'Awla ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru numru 1008/2018 fl-ismijiet **Tucan Investments Limited v. Mariolot Limited, Mario Camilleri, Mary Josephine Camilleri u Lattimer Limited** għas-somma ta' €153,830.42 bħala sorte.

ii. Somma li għandha tiżdied mas-somma ta' €500,000 li kienet oġġett tal-mandat ta' sekwestru 97/2015 fl-istess ismijiet u li nħareġ fit-22 ta' Jannar, 2015. Is-sekwestranti ddikjarat li s-sorte jirrappreżenta penali u *dividends* li s-sekwestranti tippretendi skont kuntratt tad-29 ta' April, 2004 u li dwaru titratta l-kawża **Tucan Investments Limited v. Mario Camilleri et** (Rikors numru 541/2014).

iii. Fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, l-imgħax u l-ispejjeż ġew riżervati.

iv. B'ċedoli ta' depożitu numru 624/2015, 832/16, 581/17, 1321/18, 638/18 u 2084/2019 ġew depożitati total ta' **sitt mija tlieta u ħamsin elf, tmien mija u tletin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€653,830.42)**.

v. B'sentenza tal-15 ta' Diċembru, 2016 fil-kawża 541/2014 fl-ismijiet **Tucan Investments Limited v. Mario u Maria Camilleri u Mariolot Limited**, il-Prim'Awla kkundannat lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attriċi s-somma ta':

(a) €608,665.27 penali miftiehma għan-nuqqas ta' adempiment tal-obbligi li assumew, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas.
(b) €45,165.15 dividend li rċeviet il-kumpannija konvenuta u skont ftehim tad-29 ta' April, 2004 kien dovut lill-attriċi, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas.

vi. B'hekk it-total tas-*sorte* dovut lill-attriċi skont l-imsemmija sentenza, hu **sitt mija tlieta u ħamsin elf, tmien mija u tletin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€653,830.42)**.

vii. Sentenza li hi *sub judice* peress li ġiet appellata.

viii. Peress li s-sekwestranti kienet diġa talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru għas-somma ta' €500,000 (numru 387/19), wara l-imsemmija

sentenza talbet il-ħruġ tat-tieni mandat ta' sekwestru kawtelatorju (1008/2018) sabiex ikollha garanzija għall-bilanċ ta' €153,830.42.

ix. Fiċ-ċedoli ta' depożitu jingħad li l-flus depożitati huma ta' Mario Camilleri (ċedoli 624/15; 581/2017 u 638/18) u Lattimer Limited (ċedola ta' depożitu 832/2016, 1321/18, 2084/2019) li hi wkoll sekwestrata.

x. Permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 2084/2019 li hi rilevanti għal dan id-digriet, il-kumpannija The Players Group Limited iddepożitat is-somma ta' €102,426.83 li jirreferi għal *dividend*. M'hemmx prova li dik is-somma tirreferi għad-dividend tal-2013, li hu l-perjodu rilevanti għall-finijiet tal-kawża **Tucan Investments Limited v. Mario Camilleri et** (541/2014).

xi. Fis-sentenza fuq imsemmija, il-Prim'Awla ddeċidiet li s-sekwestranti hi intitolata għan-nofs id-*dividend* li The Players Group Limited kienet tħallas lill-kumpannija sekwestrata Mariolot Limited, u dan skont il-ftehim tad-29 ta' April, 2004.

xii. Jirriżulta wkoll li l-kumpannija sekwestranti ħarrket lis-sekwestrata u Lattimer Limited (**Tucan Investments Limited v. Mariolot Limited et**, Rikors numru: 697/2014), sabiex il-Qorti tħassar il-ftehim li bih il-kumpannjia sekwestrata ttrasferiet l-ishma li kellha fil-kumpannija The Players Group Limited. B'sentenza tal-15 ta' Diċembru, 2016 il-

Prim'Awla laqgħet it-talba. B'dik is-sentenza l-ishma li kellha Mariolot Limited fil-kumpannija The Players Group Limited għandhom jidħlu lura fil-patrimonju tagħha. Sentenza li hi *sub judice* peress li hemm appell pendenti.

4. Fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru ma ntalbux imgħaxijiet u spejjeż ġudizzjarji. Tant hu hekk li fir-rikors, ħdejn il-kliem 'imgħax' u 'spejjeż' ġiet stampata l-kelma **'riżervati'**. Għalhekk dak il-mandat jgħodd biss għas-sorte ta' €500,000 u l-mandat m'huwiex iservi ta' garanzija għall-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji.

5. Fir-rigward tal-flus depożitati fil-Qorti, l-intimata argumentat li, *"ma għandhom l-ebda konfort li ma hemmx kredituri oħra li jistgħu jippregradwawhom fuq dawk id-depożiti"*. Pero` ma tressqet l-ebda prova mill-intimata li fuq dik is-somma hemm xi pretensjoni minn terzi. Għalhekk dak l-argument m'huwiex validu.

6. L-intimata ssostni li dak li jrid jiġi kkunsidrat hu:

> *"..... jekk meta eventwalment tiġi finalment deċiża l-kawża hux ser ikun hemm kredituri oħra. L-esponent ma jistgħux ikunu ċerti illi sal-mument li tiġi deċiża l-kawża mhux ser jiġri, per eżempju, li jkun hemm xi titolu eżekuttiv ieħor kontra s-sekwestrati (inkluż ad eżempju bis-saħħa ta' xi ittra maħruġa taħt l-Artikolu 166A tal-Kap.12, xi att ġudizzjarju magħmul taħt l-Artikolu 466 tal-Kap. 12, jew xi sentenza finali fi proċeduri oħra), li bis-saħħa tiegħu xi kreditur ieħor jispiċċa jkollu dritt għall-flejjes depożitati fl-atti tal-mandat odjern u b'hekk jitħallas qabel l-esponenti u l-esponenti jispiċċaw ma jkunux ikkawtelati*".

7. Il-Qorti ma taqbilx. Raġunament bażat fuq supposizzjonijiet. Il-Qorti trid tiddeċiedi fuq fatti eżistenti llum u mhux x'jista' jiġri fil-futur sakemm l-appell jiġi deċiż. Ma saritx prova li hemm xi mandat ta' sekwestru ieħor fuq il-flus li ġew depożitati biċ-ċedoli fuq imsemmija, jew li hemm xi kawża/i kontra s-sekwestrati.

8. Il-qorti tagħmel riferenza għad-digriet li tat illum fir-rikors numru 387/2019 fl-istess ismijiet, li jitratta t-talba tas-sekwestrati għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru: 97/2015 fl-istess ismijiet. Fejn rilevanti r-raġunament f'dak id-digriet japplikaw ukoll għal dan id-digriet.

9. Wara li nħareġ il-mandat ta' sekwestru oġġett ta' din il-proċedura, fl-4 ta' Novembru, 2019 The Players Group Limited iddepożitat is-somma ta' €102,426.83 *dividends* li qalet li għandhom jitħallsu lil Lattimer Limited, li hi waħda mis-sekwestrati (ċedola numru 2084/19).

10. Il-qorti tirrileva li l-kawża 541/2014 saret kontra Mario u Maria Camilleri u Mariolot Limited. Huma dawk il-persuni biss li l-Prim'Awla ikkundannat sabiex iħallsu lil Tucan Investments Limited is-somma ta' **sitt mija tlieta u ħamsin elf, tmien mija u tletin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€653,830.42).** Lattimer Limited ma kinitx parti fil-kawża

541/2014 u ma jirriżultax li hemm xi kawża biex tkun kundannata tħallas lill-kumpannija sekwestranti.

11. Lattimer Limited kienet inkluża bħala sekwestrata fil-mandat ta' sekwestru 1008/2015 għar-raġuni li Mariolot Limited ittrasferiet l-ishma li kellha fil-kumpannija The Players Group Limited lil Lattimer Limited. Trasferiment li l-kumpannija sekwestranti ssostni li sar b'qerq, u dwar liema pproponiet il-kawża 697/2014 fl-ismijiet **Tucan Investments Limited v. Mariolot Limited u Lattimer Limited**. Kawża li jidher li hi wkoll pendenti quddiem din il-Qorti. S'issa hemm sentenza tal-Prim'Awla tal-15 ta' Diċembru, 2016 li biha ordnat lil Mariolot Limited u Lattimier Limited sabiex "*... jirretroċedu fl-assi tal-kumpannija konvenuta Mariolot l-ishma li din kellha fil-kumpannija The Players Group Limited*".

12. Għaldaqstant:-

i. Illum hemm sentenza tal-Prim'Awla (697/2014) li t-trasferiment tal-ishma li għamlet Mariolot Limited lil Lattimer Limited fil-kumpannija The Players Group Limited sar b'qerq u preġudizzju ta' Tucan Investments Limited, u l-Qorti ħassret dak it-trasferiment; u

ii. Ir-rikors li sar skont l-Artikolu 836 tal-Kap. 12, sar ukoll f'isem Lattimer Limited u s-sekwestrati kollha jaqblu li l-flus għandhom jibqgħu

depożitati fil-Qorti sakemm jibqa' pendenti l-appell fil-kawża 541/2015. Kliem li juru li s-sekwestrati jaqblu li f'każ li l-appell ikun miċħud, Tucan Investments Limited tista' titħallas mill-flus depożitati biċ-ċedola fuq imsemmija;

13. Il-qorti hi sodisfatta li bħalissa flus li huma depożitati fil-qorti jistgħu iservu bhala garanzija idoneja għall-pretensjoni ta' Tucan Investments Limited.

14. Madankollu hu minnu li fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-15 ta' Diċembru, 2016 **ġie deċiż li Tucan Investments Limited għandha skont il-ftehim tad-29 ta' April, 2004 jedd għal nofs id-*dividend* li jitħallas minn The Players Group Limited (C28553)**. F'dan ir-rigward qalet:

> "*Is-soċjeta intimata kellha l-obbligu fiduċjarju li tieħu ħsieb illi tgħaddi lis-soċjeta rikorrenti 50% tad-dividends li tirċievi mid-data tal-iskrittura. Il-mument li s-soċjeta intimata waqfet milli tgħaddi dan l-ammont ta' dividend lis-soċjeta rikorrenti, hija naqset mill-obbligi kuntrattwali tagħha*".

15. Jekk wieħed kellu japplika dak li ddeċidiet il-Prim'Awla, nofs il-flus depożitati minn The Players Group Limited bħala *dividend* permezz taċ-ċedola numru: 2084/2019, huma ta' Tucan Investments Limited. L-appellanti m'għamlux prova li d-*dividend* depożitat biċ-ċedola 2084/2019 hu dak tas-sena 2013. Anzi l-qorti qiegħda tifhem li d-*dividend* depożitat biċ-ċedola 2084/2019 jirreferi għall-perjodu wara s-sena 2013 għaliex

mis-sentenza 541/2014JZM jirriżulta li d-*dividend* meritu tal-mandat ta' sekwestru u l-kawża, diġa tqassam.[2]

16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet mis-somma ta' €102,426.83, nofshom (€51,213.42) m'humiex tas-sekwestrati iżda jispettaw lis-sekwestranti. Għaldaqstant ma jistgħux ikunu inklużi bħala parti mis-*sorte* tal-mandat ta' sekwestru oġġett ta' din il-proċedura. Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li għandhom jingħataw bħala garanzija flus li *prima facie* suppost jispettaw lis-sekwestranti bħala sehemha mid-*dividends* li qasmet The Players Group Limited. Jekk il-Qorti kellha tiddeċiedi mod ieħor, ikun ifisser li bħala garanzija għall-pretensjoni tar-rikorrenti ser ikunu qegħdin ukoll jingħataw flus li skont is-sentenza tal-Prim'Awla jispettaw lil Tucan Investments Limited.

17. Hawn wieħed irid jiftakar li fl-istess sentenza l-Prim'Awla ikkundannat lis-sekwestranti talloka 123,000 sehem ordinarju fil-kumpannija Mariolot Limited (C33086).

18. Hu fatt li s-sentenza tal-Prim'Awla m'hijiex ġudikat. Pero` għall-finijiet tar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1008/2018, din il-Qorti ma tistax tiskarta dawk is-sentenzi. F'dan l-istadju din il-Qorti mhijiex tikkunsidra l-meritu tal-appell li sar mis-sekwestrati fiż-żewġ kawżi

[2] Fis-sentenza 541/14JZM il-Qorti qalet, *"Irriżulta li d-dividends li ngħataw lil The Players Group Limited ilkoll ġew imqassma lill-azzjonisti tagħha"*.

541/2014JZM u 697/2014JZM, u s-sentenzi tal-Prim'Awla s'issa jagħtu raġun lir-rikorrenti għall-jedd pretiż minnha.

19. B'hekk mill-flus depożitati biċ-ċedola ta' depożitu 2084/19 hi biss is-somma ta' wieħed u ħamsin elf mitejn u tlettax-il ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€51,213.42) li tista' tiġi kkunsidrata bħala garanzija tajba għall-pretensjoni tal-kumpannija sekwestranti. Pretensjoni li tirreferi għall-ħlas ta' penali u *dividend* li The Players Group Limited qassmet fis-sena 2013.

20. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti mhux ser tirrevoka l-mandat ta' sekwestru għal kollox iżda biss parzjalment in kwantu jirreferi għas-somma ta' €51,213.42.

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi r-rikors tad-29 ta' Novembru, 2019 billi għar-raġuni li tissemma f'paragrafu (ċ) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 parzjalment tilqa' t-talba tar-rikorrenti u:-

i. Tħassar f'parti minnu l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru ~~97/2015~~[3] fl-ismijiet Tucan Investments Limited v. Mariolot Limited et, u dan biss sa fejn jirreferi għas-somma ta' wieħed u ħamsin elf mitejn u tlettax-il euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€51,213.42). Il-mandat ta' sekwestru 1008/2018 jibqa' fis-seħħ għas-somma ta' mija u elfejn sitt mija u sbatax-il euro (€102,617).

[3] Għandu jaqra: 1008/2019 – Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-27 ta' Lulju 2020

ii. Il-flus depożitati fil-Prim'Awla biċ-ċedola numru 2084/2019 sas-somma ta' wieħed u ħamsin elf mitejn u tlettax-il euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€51,213.42) għandhom iservu bħala garanzija għall-parti mill-pretensjoni ta' Tucan Investments Limited.

Spejjeż ta' din il-proċedura jinqasmu nofs bin-nofs ($^{1}/_{2}$) bejn il-kontendenti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb